MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2009

Numru 770/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**versus**

**James Mifsud**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra James Mifsud ta’ 19-il sena (recte 17-il sena 9 xhur u 22 jum)[1] iben Michael u Stella nee’ Busuttil imwieled il-Pieta’ fl-4 ta’ Jannar 1988 u li joqgħod Flat 6, Block A2, Triq it-Taqtiegħa, Żebbuġ u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 56888(M)

[1] Qabbel id-data ta’ meta allegatament sar ir-reat u ċ-ċertifikat tat-twelid.

Akkużat talli nhar is-26 t'Ottubru 2005 għall-ħabta tad-9 am ġewwa l-area magħrufa bħala Tal-Kanuni limiti tar-Rabat:

a) Bil-ħsieb li jikkommetti delitt t'a serq mill-fond Dream Cottage, flimkien ma' persuni oħra u cioe' ma' Costantino Felice u Clint Zammit wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u li kieku ġie esegwit kien ikun serq aggravate bil-vjolenza, bil-valur, li jeċċedi l-elf lira Maltin u bil-lok u liema attentat sar fuq il-koppja Grazia u Francesco Camilleri li għandhom aktar minn sittin sena u fuq persuni oħra;

b) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Grazia Camilleri, anzjana ta' aktar minn 60 sena, liema offiża ġabet debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem tal-imsemmija Grzia Camilleri skond kif iċċertifikaw Dr Debbie St John MD u Dr Konrad Borg MD mill-Isptar San Luqa u tobba oħrajn;

ċ) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirksotanzi, bla ordni skond il-Liġi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet li fihom il-Liġi tagħti setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil għadd ta' persuni kontra l-volonta' taghom, fosthom żewġ anzjani ta' eta' ta' aktar minn 60 sena;

d) ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, flimkien ma' Costantino Felice u Clint Zammit, filwaqt li kien qed jagħmel reat kontra l-persuna ta' Grazia Camilleri u ta' persuni oħrajn u /jew reat ta'a serq u/jew ħsara fil-propjeta', kellu fuq il-pesuna tiegħu arma regolari u / jew munizzjon u/jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti;

e) ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi hedded bil-fomm lill-koppja Camilleri, lil Lee Cortis u Stephanie Cortis b'delitt fejn flimkien ma' dan it-theddid kein hemm ordni jew kondizzjoni;

f) fl-istess data u ħin, fir-Rabat u / jew fi bandi oħra f'dawn il-Gżejjer żamm fil-pussess tiegħu u /jew ġarr armi tan-nar u munizzjon mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

g) u aktar tlali f'dawn il-Gżejjer, fis-26 t'Ottubru 2005 u/jew fil-jiem ta' qabel saq vettura VW Golf, numru ta-reġistrazzjoni ABB 925 mingħajr liċenzjza tas-sewqan u mingħajr ma kein kopert b'polza ta' assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni;

h) finalment talli huwa sar reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li nstab ħati b'sentenza mogħtija mill-Qrati Maltin fl-20 t'April 2005 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid 568 tal-1988 (fol 6),il-fedina penali (fol 7 u 8), l-istqarrija tal-imputat tal-14 ta' Settembru 2007 (fol 9), l-istqarrija tal-imputat tat-8 t'April 2006 (fol 11), stqarrija ta' James Mifsud tas-27 t'Ottubru 2005 (fol 13), id-dokument AB 1 (a fol 27), id-Dok AB2 (a fol 28), id-dokuemnti PB1 u Pb2 a fol 58 u 59, id-dokuemnt NF li huwa l-proċess fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Joseph Mericieca) versus Costantino Felice u Clint Zammit' (fol 93), l-artikoli mibgħutin mill-Avukat Ġenerali (fol 148), il-verbal li fih id-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' x-xhieda tal-identita' tas-sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr Anthony Vella fl-20 t'April 2005 (fol 98), is-sentenza mogħtija f'seduta tat-traffiku a fol 104, id-dikjarazzjoni magħmula mill-Prosekutur li Josephine Tanti, Lee Cortis, Stephanie Cortis U Francesco Cortis iddeponew fl-inkjesta mertu ta' din il-kawża u li kopja tagħha tinsab inserita f'dan il-proċess (fol 111), iċ-ċertifikat tal-mewt ta' Grazia Camilleri (fol 124), il-konferma tal-esperti li kienu maħtura fil-proċeduri 'Il-Pulizija versus Constantino Felice u Clint Zammit' kemm dawk maħtura fl-inkjesta kif ukoll matul il-proċeduri msemmija (fol 127), iċ-ċertifikat tat-twelid ta' Francesco Camilleri (8962 tas-sena 1936) a fol 133, il-ħatra tas-Sur Martin Bajada a fol 23, ir-relazzjoni ta' Martin Bajada a fol 140, id-dikjarazzjoni tal-imputat li hu jagħżel li jibqa' quddiem din il-Qorti (fol 147).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur;

Skond il-Prosekutur fis-26 t'Ottubru 2005 kien hemm hold up fil-don Dream Cottage Tal-Kanuni Limits off Rabat. Fl-area m'hemmx bini ħlief razzett. Ċertu Lee Cortis kien fir-razzett flimkien ma' ħutu. Lee Cortis qal li kienu daħlu żewġ żgħażagħ armati, wieħed b'senter isserrat u l-ieħor b'pistola. Min kellu s-senter kien ta daqqa bih lil nanntu. Kienu wkoll sawtu lil Francesco Camilleri. Il-malviventi ma ħadu xejn minn fuq il-post u ħarbu f'VW Golf ħadra bl-ittri tar-reġistrazzjoni AAB. Wieħed milli kien daħal ġewwa kien imlaqqam il-Baglu.

Grazia Camilleri kienet qed issofri minn ġrieħi gravi.

Elvin Cortis qal li kien ser jixtri s-sigaretti lil nannuh u kif ħareġ ra karozza Golf ħadra pero' ma tax każ tan-numru tar-reġistrazzjoni. Din kellha t-tinted glass u għalhekk m'għarafx mink kien fil-karozza.
Stephanie Cortis kkonfermat dak li qal Elvion Cortis. Hija qalet li fil-kamra kellha xi deheb iżda l-malvivent daħal u ma ħa xejn.

Il-Pulizija sabu l-karozza pparkjata f'Miasraħ Ġuże' Flore u fiha kien hemm żewġ persuni – Clint Zammit u James Mifsud. Barra l-karozza kien hemm Jonathan Felice. Persuna oħra involuta f'dan il-każ kein Costantino Felice.

L-imputat, fid-diversi stqarrijeit li għamel kważi ma wieġeb għall-ebda domanda. Kienu Clint Zammit u Costantino Felice li indikaw lill-imputat bħala l-persuna li baqa' jistenniehom barra. (Fol 45). Fil-konfront li sar filp-kwartieri tal-Pulizija, dawn iż-żewġ persuni qalu lill-imputat f'wiċċu li kien hu li qagħad jistenniehom barra. Filfatt l-imputat kellu jidħol ġewwa iżda meta waslu fuq il-post, dan beża' u floku daħal Clint Zammit.

Costantino Felice u Clint Zammit tressqu l-Qorti fuq l-istess każ u kellhom sentenza ta’ priġunerija.

Waqt aktar investigazzjonijiet kienet saret talba lill-Go Mobile u rriżulta li l-linja tal-mobile 79950755 kienet il-linja li għaddiet lil James Mifsud minn Roderick Bonnici. Il-Localisation li tawhom għas-26 t’Ottubru 2005 ftit ħin wara d-9.30 am kienet li l-linja kienet fl-inħawi tar-Rabat.

Fl-istqarrija tiegħu tas-27 t’Ottubru 2005 (fol 13) l-imputat ma wieġeb xejn.

Fl-istqarrija tat-8 t’April 2006, l-imputat ma wieġeb xejn.

Fl-istqarrija tl-14 ta’ Settembru 2007 (fol 9) l-imputat qal li fis-26 t’Ottubru 2005 huwa kien ser jirreġsitra għall-ewwel darba. Mill-bqija ma wieġeb xejn.

**Xhieda oħra tal-Prosekuzzjoni**

Ir-rappreżentant tal-Go Mobile, is-Sur Anthony Bonnici, ikkonferma d-dokumenti bħala oriġinali. Huma eżaminaw il-mobile number 7995 0755. Din kienet reġistrata fuq Roderick Bonnici. Huma taw il-localisation tal-istess numru għas-26 t’Ottubru 2005 l-eqreb ħin għad-9.00. L-eqreb waħda kienet 9.38am u kienet logged mas-site li hemm fuq Saint Paul’s Church ir-Rabat. (Fol 26).

Xehed Roderick Bonnici (fol 33). Dan qal li mar iġib linja lil James Mifsud għax dak iż-żmien kien għadu taħt l-eta. Huwa lil James Mifsud kien jafu l-iskola. L-imputat kien tilef it-telecell u kien beda jinkwieta ghax iccempillu ommu. Allura l-imputat talab lix-xhud iġiblu linja. Ix-xhud qal li l-linja 7995 0755 kienet fuq ismu, jiġifieri fuq isem ix-xhud (fol 37). Din kienet inxtrat mill-airport.

Xehed Philip Bonnici ta’ l-ETC. Hu qal li James Mifsud kien tela’ jirreġistra ġewwa Ħal Far fis-26 ta’ Ottubru 2005. Il-ħinijiet eżatt ma jkunx jaf għaliex jibdew fit-8.00am u jispiccaw f’nofsinhar. Fid-dokument a fol 52 jidher li kien ffirma fis-26 ta’ Ottubru 2005.

Xehed Costantino Felice a fol 60 li qal li huma kienu telgħu ir-Rabat biex jagħmlu serqa. Il-persuni kienu, ix-xhud nnifsu, Clint Zammit u l-imputat James Mifsud. A fol 62 huwa qal li kienu telgħu bil-karozza ta' Clint Zammit u kienu daħlu ġewwa x-xhud nnifsu, jiġifieri Costantino Felice u Clint Zammit. Barra kien baqa' jistenna James Mifsud. Huwa żied jgħid a fol 62, 'dak ma kienx involut eżattament fil-każ.' Meta kien mitlub jispjega x'jiġifieri, hu qal għax baqa' barra fil-karozza (fol 62).

Meta l-Qorti staqsietu jekk l-imputat kien jaf x'kienu qed jagħmlu Costantino Felice kif wkoll Clint Zammit, ix-xhud qal 'Mela.' Ma kienx daħal l-imputat għax ma riedx jidħol. Huwa spjega wkoll illi kellu jidhol l-imputat a fol 63 imma ma daħalx.

Tela' jixhed Clint Zammit li baqa' jinsisti illi kienu hu u Costantino Felice biss u l-Qorti kellha tarrestah. (ara fol 67 u 68).

Ittellgħet tixhed ukoll Maria Cortis, bint Grace Camilleri li qalet li ommha kienet mietet fit-18 ta' Marzu 2007.

Tela' jixhed wkoll Elvin Cortis li kien id-dar dak inhar ta' l-incident u nanntu kien jisimha Gracie illi issa mietet. Hu qal li kien hemm ħuħ Lee Cortis u oħtu Stephanie Cortis u n-nanniet. Qabel ġara l-każ kien qiegħed ħdejn iż-żwiemel. Huwa għaraf lill-imputat bħala wieħed mill-ħallelin a fol 74 u kien rah barra waqt li t-tnejn l-oħra kienu daħlu ġewwa. L-imputat kien b'Golf aħdar pero n-numru ma setax jiftakru. Hu kien qiegħed faccata tal-garaxx u li kien biss xi erba' passi bogħod mill-gate.

Wieħed mill-ħallelin qabad jagħti lin-nanna b'senter imqaccat. Kien ra lill-oħxon jagħti lil nanntu illi dan ma kienx preżenti fl-awla. Mar jaqbeż għan-nanna tieghu ħuħ Lee. Lil nanntu kienu ħallewha d-dar f'għadira demm (fol 77). Lin-nannu għamlulu l-istess. Huma daħħluh ġewwa biex jitolbuh il-flus. Fid-dar ħallew taqlib sħiħ.

Huwa lill-imputat ma kienx jafu. Hu qal li lill-imputat kien rah wara x-xatba meta l-oħrajn kienu ser jidħlu. Lill-imputat qal li għarfu a fol 79. Huwa kien rah mix-xquq tal-gate u kien biss xi erba' passi bogħod.

Konfront bejn Costantino Felice riprodott ma Clint Zammit

Costantino Felice qal li kienu hu u Clint Zammit u James Mifsud, waqt illi Clint Zammit qal li kienu hu, jiġifieri Clint Zammit u Costantino Felice. Hawn hekk inqrat l-istqarrija li kien għamel Clint Zammit fejn fost affarijiet oħra kien hemm din il-mistoqsija :

'M. Ngħid sew li t-tielet persuna li kien involut magħkom kien James Mifsud?
T. Iva.
M. Lil James Mifsud inti għidtlu biex jidħol magħkom?
T. Costantino qallu
M. Jiġifieri Costantino kellem lilek u lil James flimkien?
T. Iva konna ltqajna fit-triq Hal Qormi. Insejt fejn.
M. Ftehmtu kif kellkom taqsmu l-flus?
T. Kulhadd kellu jieħu indaqs minn dak li nakkwistaw.'

Hawn ix-xhud staqsa jekk din kinitx l-istqarrija tiegħu u l-Qorti weġbitu 'Iva tiegħek kollha kemm hi. U kompliet taqralu mill-istess stqarrija illi hu kien ta lill-pulizija.

Fl-istqarrija kien hemm ukoll li lil James Mifsud, l-imputat, kienu ġabruh mid-dar tiegħu f'Ħaż-Żebbuġ. Hawn hekk ix-xhud qal li ma jafx li kien qal dan fl-istqarrija. A fol 86 ix-xhud qal fl-istqarrija tiegħu lill-pulizija li James kellu jistenniehom barra biex jekk jinqala' xi ħaġa icemplilhom. Fl-istqarrija huwa kien qal li James Mifsud kellu mobile bin-number 7995 0755 (fol 87).

Dan ix-xhud qal ukoll li ma kien jiftakar xejn. Hawn il-Qorti ġibdet l-attenzjoni ta' dan ix-xhud illi meta waqt l-istqarrija, fejn suppost illi dan ix-xhud ma kien qed iħossu f'sikktu,

kien qed jiftakar in-numru tal-mobiles ħafna aħjar milli tgħidhom il-Qorti stess (fol 88).

Meta kien mistoqsi għala kien ssemma James Mifsud allura dak inhar fl-istqarrija lill-pulizija, dan Clint Zammit qal li ma kienx jaf (ara fol 89)

A fol 100 xehdet WPC 99 Josette Pace illi qalet li l-imputat James Mifsud ma għandu ebda permess ta' licenzja għal kwalunkwe arma tan-nar.

Rega' ttella' Clint Zammit biex jixhed, dan ix-xhud qal li ma jiftakarx li fit-28 ta' Ottubru 2005, jumejn wara d-data tar-reat, waqt il-konfront li kien sar bejn Clint Zammit nnifsu u Costantino Felice u James Mifsud, ix-xhud u Costantino Felice kienu indikaw lit-tielet persuna li kien qed jistenniehom barra bħala li kienet l-imputat. Hawn hekk dan ix-xhud kompla jgħid li ma jiftakarx li qal hekk. Il-Qorti ġibditlu l-attenzjoni li ma kinitx qed temmnu b'din il-verżjoni tiegħu.

Xehed Christopher Darmanin, rappreżentant ta' l-ADT, li qal li qabel is-6 ta' Settembru 2006, l-imputat ma kellux driving license (fol 103).

Xehed ukoll Jonathan Felice li kien mistoqsi jekk jiftakarx min kien hemm fil-karozza meta fis-26 ta' Ottubru 2005 għall-ħabta tal-11.00am, il-pulizija kienet arrestat lilu flimkien ma żewġ persuni oħra minn Misrah Ġuzeppi Flores ġewwa Ħal Qormi. Ix-xhud qal li ma kienx jiftakar.

A fol 129 PC 971 Patrick Pisani xehed li wara li semgħu li kien hemm hold up fir-Rabat, kellu informazzjoni li xi ħadd kien telaq b'xi karozza minn dawk l-inħawi, karozza tip Volkswagen ta' kulur green li setgħet ġibdet lejn in-naha ta' Hal Qormi. PC 971 Pisani u PS 183 marru Ħal Qormi fejn rriżulta li kif waslu f'Misraħ Ġużepp Flores raw vettura pparkjata fil-pjazza ABB 925 ta' kulur aħdar ta' l-għamla Volkswagen. Ġo giha kien hemm tnejn min-nies, certu Clint Zammit u James Mifsud l-imputat. Mat-tieqa jkellimhom fuq in-naħa ta' barra kien hemm certu wieħed Jonathan Felice magħruf bħala Babblu.

L-espert Martin Bajada kien kkonferma li wara li għamel ricerka mas-socjeta Go Mobile, it-telefonata li saret fis-26 ta' Ottubru 2005 fid-9.38am, kienet saret minn cellulari li kien fiż-żona tar-Rabat peress li qabditu l-antenna li hemm vicin il-knisja ta' San Pawl ir-Rabat Malta. Hu anke ppreżenta l-pjanta ta' liema area tkopri din l-antenna.

Ittella' jixhed Costantino Felice għad-difiża li staqsietu jekk kienx ser jibqa' jsostni illi l-imputat kien magħhom fil-hold up imsemmija. Għall-ewwel hu qal 'jiena tajt ix-xhieda tieghi' (fol 153). Imbgħad il-Qorti kellha tistaqsieh 'Kien magħkom l-imputat jew le?' U dan ix-xhud wieġeb 'Iva fil-karozza.' Ix-xhud kompla jgħid illi kontra Mifsud ma kellu xejn. Jekk kien hemm xi ħaġa bejn missier ix-xhud u missier Mifsud, ma jfissirx li kien hemm xi ħaġa jew xi disgwit bejn ix-xhud u l-imputat.

Ittella' wkoll Elvin Cortis (fol 158) illi qal li kien qed jara lill-imputat li kien ġo karozza ħadra, Golf mill-antiki bla numri u bit-tinted glass iswed u kien maġenb garaxx. Hu qal li l-imputat qagħad fil-karozza għax kienu tnejn biss illi daħlu fid-dar. It-tieqa tal-karozza kienet miftuħa u d-distanza kienet minn fejn il-pedana tax-xhieda, qisu sa fejn il-Maġistrat. Ix-xhud qal li kien sejjer ir-Rabat jixtri pakkett sigaretti. Hu qal li kien hemm karozza li ma kinitx qed tgħoġbu u b'din l-informazzjoni kien avża lin-nannu. X'ħin telaq marru warajh u reġgħu daru kontra mill-isqaq l-ieħor. Ix-xhud baqa' jinsisti illi l-imputat baqa' gol-karozza u dan waqt li t-tnejn l-oħra qagħdu jippassiġġaw. Hu baqa' jgħid li l-karozza kienet faccata tal-garaxx waqt li hu kien quddiem il-gate. Kienu t-tnejn l-oħra li qagħdu jippassiġġaw. Hu qal li ma kienx rahom jagħtu xebgħa lin-nannu tiegħu.

Xehed ukoll missier l-imputat Michael Mifsud a fol 161 u qal li fis-26 kellhom il-karta tal-labour office. Fis-7.30am għadda għat-tifel biex jieħdu jirreġistra.

Hu qal li t-tifel kien dam biex jirreġistra għalkemm ħadu il-biljett fit-8.30am u huma lestew għall-ħabta ta' 10.00am jew 10.30am. Imbgħad it-tifel qallu biex iwasslu fejn l-

iskola. Danix-xhud baqa’ jgħid li sal-10.30am, ibnu kien miegħu. Dan ix-xhud qal illi mas-Sur Felice ma kienx jitkellem.

L-Avukat Ġenerali talab li jkun inserit il-proċess ‘Il-Pulizija versus Costantino Felice u Clint Zammit’ (Dok NF).

Minn dan il-proċess jirriżulta li kienu ddeponew matul l-inkjesta u matul il-proċeduri kemm Lee Cortis kif ukoll Francesco Camilleri (fol 12 u 13, fol 57 u 58 u 51 u 52). Stephanie Cortis iddeponiet a fol 61

Kien xehed ukoll Dr.Conrad Borg (fol 134) li qal l-pazjenta Grace Camillleri kellha barxa u tbenġila f’rasha u qasma f’wiċċha li kien hemm bżonn isirulha l-punti. (Ara wkoll iċ-ċertifikat dettaljat a fol 37 tal-proċess mehmuż).

Kien ukoll xehed bil-ġurament it-Tabib Dr Etienne Muscat, psikjatra (ara fol 151) li kien xehed hekk:

‘Grace Camilleri saret pazjenta tiegħi wara l-break in fir-residenza tagħha……. Jien kont informat li kienu ssawtu kemm Grace Camilleri u r-raġel taħgha waqat dan il-break in. Jien ġejt ikkonsultat peress li kien hemm deterjorament fl-istat mentali tas-Sinjura Camilleri…

Meta eżaminajt lill-imsemmija Grace Camilleri jiena stabbilejt illi d-deterjorament tagħha kien dovut għall hekk imsejjaħ ‘post traumatic stress disorder’ u ngħid ukoll illi dan ġab konsegwenzi fuq il-ħajja tagħha.

Huwa wkoll ippreżenta Dok EM fejn, fost dettalji oħrajn, il-psikjatra qal:

*‘She is in a state of constant apprehension and is over vigilant and jumpy; she often becomes convinced that her assailants have returned. Her personality has deteriorated so that she is unable to participate in even basic conversations……..She is reportedly constantly telling her husband that she wants to change house.*

*In my opinion, Mrs Camilleri is suffering from severe Post-Traumatic Stress Disorder. I believe that these symptoms are likely to represent a dramatic deterioration from her behaviour prior to the assault. I also believe that it is likely that her current symptoms and worsened mental state are a direct consequence of her experiences during the same assault.' (fol 154)*

Mill-istess proċess jirriżulta li r-referral ticket għall-isptar dwar Francis Camilleri kien sar minn Dr.Abela minħabba li Francis Camllieri kellu head and neck injuries u kien saħansitra ntilef minn sensih għal madwar għaxar minuti.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Mill-atti proċesswali jirriżulta li l-imputat kien fuq il-post dak in-nhar li sar il-hold-up. Il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni għar-raġunijiet segwenti:

(a) Ix-xhieda ta' Costantino Felice (li diġa' kien proċessat għall-istess hold-up) hija ċara daqs il-kristall. Huwa qal li kien iltaqa' Ħal-Qormi ma' Clint Zammit u mal-imputat u telgħu r-Rabat flimkien mal-imputat biex jagħmlu l-hold-up. L-imputat kien baqa' barra fil-karozza jistenna.(fol 62). L-imputat kien jaf x'kienu qed jagħmlu x-xhud u sieħbu. L-imputat kellu filfatt jidħol ġewwa. Meta ttella' jixhed mid-difiża huwa nsista li la kellu xi jżid u lanqas x'ser inaqqas u reġa' kkonferma li l-imputat kien magħhom fil-karozza.

(b) Ix-xhieda ta' Elvin Cortis li kien ra lill-imputat barra (għax ma daħalx ġewwa) ġo karozza Golf ta'kulur aħdar faċċata tal-garaxx. Lil nanntu t-tnejn l-oħra kienu ħallewha f'għadir demm. Lill-imputat kien rah wara x-xatba u kkonferma li kien jagħraf lill-imputat (fol 79)Huwa kein rah mix-xqua tal-gate u kien biss xi erba' passi bogħod. Meta ttella' mid-difiża Elvin Cortis qieġeb li kien qed jagħraf lill-imputat.Huwa reġa' semma li l-karozza kienet golf ħadra, bil-ħġieġ tinted u maġenb garaxx. Huwa baqa' jinisti li l-karozza kienet bla numri. A fol 162 huwa qal hekk dwar l-imputat:

‘Dak ġol-karozza qagħad.’

Waqt li a fol 163 huwa qal:

‘Jien rajt min kien qed isuq il-karozza.’

(ċ) Ix-xhieda ta’ PC 971 Patrick Pisani li dak in-nhar li sar il-hold up mar Ħal-Qormi u raw il-vettura ABB 925 Volkswagen ta’ kulur aħdar fejn kien hemm Clint Zammit u James Mifsud (l-imputat)

(d) Ix-xhieda tal-espert maħtur mill-Qorti Martin Bajada li kkonferma li ċ-ċellulari bin-numru 79950755 kien fiz-zona tar-Rabat peress li qabditu l-antenna li hemm biswit il-knisja ta’ San Pawl ir-Rabat (Malta).

(e) Ix-xhieda ta’ Roderick Bonnici li kkonferma li kien fetaħ il-linja 79950755 fuq ismu iżda li din kien xtraha għall-imputat li dak iż-żmien kien għadu taħt it-18-il sena. Din ix-xhieda tgħaqqad mal-katina ta’ qabel.

Ix-xhieda li tagħmel kuntrast ma’ dawn elenkati hawn fuq huma dawk mogħtija minn Clint Zamit u Michael Mifsud – missier l-imputat.

Lil Clint Zammit il-Qorti mhux biss żammitu arrest talli ordnat li fiż-żmien propizju, jekk ikun il-każ, jitteħdu proċeduri kontrih. Dan ix-xhud ma riedx jixhed kontra l-imputat u mhux ma kienx jaf. Il-Qorti qratlu x’kien qal fl-istqarrija tiegħu lill-Pulizija meta kien qal li t-tielet persuna involuta kien James Mifsud u qal ukoll li l-flus kellhom jinqasmu ndaqs. Fl-istess stqarrija huwa qal li kien ra l-pistola fil-karozza qabel ma kienu daħlu. Huwa kompla jgħid li l-imputat kellu jistenna barra fuq l-isteering tal-karozza jara jekk jinqalax xi ħaġa. (fol 86) Huwa kien ikkonferma wkoll li l-imputat kellu numru tat-telefon 79950755.

**Il-Qorti ma temminx li dan ix-xhud ma ftakarx jew li kellu xi dubju dwar jekk din kenitx l-istqarrija tiegħu.**

**Huwa impossibbli li tinsa dettalji daqshekk bażiċi ta' reat li huwa daqstant serju.**

**Huwa aktar inattendibbli meta tkun tajt it-tali stqarrija u wara għamilt ammissjoni kif għamel dan ix-xhud a fol 175 tal-proċess anness.**

Dwar ix-xhieda ta' Michael Mifsud, missier l-imputat, il-Qorti qed tqisha bħala sforz batut ħafna biex tinħoloq alibi. Il-missier deher għal kollox maħsud dwar il-mistoqsijiet fuq il-mobile ta' ibnu l-imputat u ma ġab ebda prova, lanqas fuq bażi ta' probabilita', li l-imputat kien Ħal-Far fid-9.38 am. Huwa stramb kif tkun Ħal-Far fl-istess ħin li qed issir telefonata mil-linja tal-imputat minn ġewwa r-Rabat. Jekk dak in-nhar l-imputat kien Ħal-Far, dan kien f'ħinijiet differenti minn dawk ta' meta kien qed isir ir-reat imsemmi fl-ewwel imputazzjoni.

Fuq kollox, li ta Costantino Felice, u li din il-Qorti temmen, tkisser dan it-tentattiv xejn konvinċenti biex jinħoloq alibi għall-imputat.

Dan jfisser li:

(a) L-imputat kien fiżikament preżenti waqt li sar it-tentattiv ta' serq bil-vjolenza, bil-valur u bil-lok;

(b) Li hu kien jaf għalfejn kien fuq il-post kif joħroġ mix-xhieda ta' Costantino Felice;

(ċ) Li l-persuni l-oħra nvoluti kellhom arma regolari għaliex din kienet fil-karozza u l-imputat seta' jaraha.

Skond l-artikolu 45 tal-Kap 9:

'Meta żewġ persuni jew aktar jeħdu sehem f'delitt, kull att magħmul minn waħda minnhom, sew jekk din tkun awtur jew kompliċi, u li jkun jagħmel iżjed gravi d-delitt, hu imputabbli biss:

(a) lill-persuna li tagħmel l-att;
**(b) lill-persuna li kienet taf bl-att minn qabel ma sar; u**

**(ċ) lill-persuna li, għad li kienet taf bl-att filwaqt li kien qiegħed isir, u għad li kienet tista' tempedih, ħalliet jsir. '**

Għaldaqstant il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel erba' imputazzjonijiet.

Dwar il-ħames imputazzjoni – il-Qorti qegħda tiddeċiedi li t-theddid sar mill-kompliċi l-oħrajn u li ma kienx ippruvat li l-imputat kien jaf li ser isir dan it-theddid jew li għen f'dan it-theddid. Għaldaqstant, il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ħames imputazzjoni.

Dwarf is-sitt imputazzjoni, il-pussess ta' arma tan-nar, mingħajr liċenzja tal-Pulizija, kien ippruvat li l-imputat ma kellu ebda liċenzja mill-Kummissarju biex iżomm xi arma. Kien ippruvat ukoll li ntużaw armai matul il-hold-up u li l-imputat kein jaf bihom. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni.

Il-Qorti qed tillibera lill-imputat mis-seba' imputazzjoni – sewqan bla liċenzja u bla assigurazzjoni – għaliex m'hemmx prova li huwa saq xi vettura[2] għalkemm kien fis-seat tax-xufier waqt li sar il-hold-up. Oltre dan kompliċi ieħor ammetta li kien saq hu. Għaldaqstant, il-Qorti qed tillibera lill-imputast mis-seba' imputazzjoni.

Il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tar-reċidiva għaliex hu nstab ħati ta' reat u kien ippruvat li kellu kundanna oħra f'anqas minn ħames snin qabel sar ir-reat. L-imputat ukoll kien identifikat mill-Prosekutur. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tmien imputazzjoni jew addebitu.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat

l-artikoli 41(1(a), 262(a)(c)(e), 262(1)(a)(b), 267, 269(g), 274(a), 275 u 277(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; l-

[2] Ukoll jekk xhud għaraf lill-imputat bħala li kien qed isuq il-karozza, jekk wieħed jara l-evidenza fil-kuntest tagħha, dan ix-xhud aktar kien ċert li l-imputat kien fis-seat tax-xufier milli li kien qed isuq.

artikolu 218(1)(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikoli 86 u 87(1)(ċ) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikoli 26(a) tal-Kap 66 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikolu 249(2) u 249(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikolu 3(1)(1A)(2A) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikolu 49 u 50 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tar-raba', tas-sitta u tat-tmien imputazzjoni u qed tilliberah mill-ħames u mis-seba' imputazzjoni.

Dwar il-piena il-Qorti qed tapplika:

(a) l-artikolu 37 tal-Kap 9 għaliex l-imputat kien taħt it-tmintax-il sena meta huwa wettaq dawn ir-reati; kif ukoll
(b) l-artikolu 17(h) minħabba l-assorbiment stante li t-tieni u t-tielet imputazzjoni jitqiesu assorbiti fir-eat ta; tentattiv ta; serq aggravate taħt l-ewwel imputazzjoni. Dan għaliex hemm il-konkors formali jew ideali bejn l-ewwel żewġ imputazzjonijiet u fil-każ tat-tielet imputazzjoni għax ir-reat ta' sekwestru tal-persuna serva bħala mezz biex seta' jkun kommess ir-reat aktar gravi kontemplat fl-ewwel imputazzjoni. [3]
(ċ) Qed tapplika l-artikolu 17(b) tal-Kap 9;
(d) l-artikolu 41.(fl-ewwel imputazzjoni)

Iżda qed tikkonsidra wkoll li l-persuni li sofrew ġrieħi gravi kienu 'l fuq minn 60 sena.

Għalhekk, wara li rat l-insenjament tas-sentenza 'Ir-Repubblika ta' Malta versus Noel Mizzi ' (15 ta' Diċembru 2005) u Ir-Repubblika versus Victor Pace' (25 ta' Jannar 2006)[4] qed tikkundanna lill-imputat għal tliet snin priġunerija.

---

[3] Ara paġina 5 tal-proċessa nness fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettru Joseph Mercieca) versus Costantino Felice u Clint Zammit. Ara wkoll kif inħadmet il-piena mill-Qorti tal-Appelli Kriminali a fol 6.
[4] 'Il-vjolenza għandha, bħala regola ġenerali, dejjem iġġib magħha l-piena ta' priġunerija b'effett immedjat, aktar u aktar fejn jintużaw l-armi.'

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-espert maħtur minn din il-Qorti li jammontaw għal €128.86. Il-bqija tal-ispejjeż fil-proċess li kien anness diġa' tħallsu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------